

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2015 u nnotifikata lill-Kummissjoni fit-23 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-412/13, Chin Haur Indonesia, PT vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tiċġad it-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż;

jew, sussidjarjament,

- tibqgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell tal-Kummissjoni huwa intiż kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-412/13. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat, sa fejn jikkonċerna lil Chin Haur Indonesia, PT, l-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013⁽¹⁾, tad-29 ta' Mejju 2013, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li jorġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le.

Il-Kummissjoni tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiddeċiedi li l-Kunsill kien kiser ir-Regolament Bażiku⁽²⁾ peress li din il-konklużjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-premessa rilevanti tar-regolament ikkontestat u fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Bażiku. It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali tat motivazzjoni insuffiċjenti u kontradittorja tal-konklużjonijiet tagħha, bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. It-tielet nett, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet procedural skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ ĠU L 153, p. 1.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22).

Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2015 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-19 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-413/13, City Cycle Industries vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-254/15 P)

(2015/C 254/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. França, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: City Cycle Industries, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Maxcom Ltd

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2015 u nnotifikata lill-Kummissjoni fit-23 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-413/13, *City Cycle Industries vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, tiġad it-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż;

jew, sussidjarjament,

- tibqgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell tal-Kummissjoni huwa intiż kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-413/13. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat, sa fejn jikkonċerna lil *City Cycle Industries*, l-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 ⁽¹⁾, tad-29 ta' Mejju 2013, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le.

Il-Kummissjoni tinvoka erba' aggravji insostenn tal-appell tagħha. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx *ex officio* jekk ir-rikors għal annullament kienx ammissibbli skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TUE. It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiddeċiedi li l-Kunsill kien kiser ir-Regolament Bażiku ⁽²⁾ peress li din il-konklużjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-premessa rilevanti tar-regolament ikkontestat u fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Bażiku. It-tielet nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali tat motivazzjoni insuffiċjenti u kontradittorja tal-konklużjonijiet tagħha, bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-raba' nett, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet proċedurali skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ ĠU L 153, p. 1.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22).

Appell ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2015 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-19 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-412/13, *Chin Haur Indonesia, PT vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

(Kawża C-259/15 P)

(2015/C 254/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert, aġent, R. Bierwagen, C. Hipp, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Chin Haur Indonesia, PT, Il-Kummissjoni Ewropea, Maxcom Ltd

Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2015 u nnotifikata lill-Kummissjoni fit-23 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-412/13, *Chin Haur Indonesia, PT vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*;